EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna, 6 ta' Diċembru 2017

# Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-mibegħda lejn il-minoranzi tkompli tonqos milli tirnexxi kważi għaxar snin wara

**Id-diskriminazzjoni, l-intolleranza u l-mibegħda mifruxa li qed jippersistu fl-UE jheddu li jemarġinaw u jbiegħdu lil ħafna membri ta' gruppi ta' minoranza li nkella jħossuhom fil-parti l-kbira tagħhom marbuta mal-pajjiż fejn jgħixu u jafdaw l-istituzzjonijiet tiegħu. Dawn is-sejbiet jirriżultaw minn stħarriġ maġġuri ripetut mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).**

*"Kważi għaxar snin ilu wissejna dwar il-preżenza ta' diskriminazzjoni u mibegħda etnika fuq skala kbira.* Illum, dawn ir-riżultati l-ġodda juru li l-liġijiet u l-politiki tagħna mhumiex qed jipproteġu b'mod adegwat lill-persuni li suppost qed iservu," jgħid id-Direttur tal-FRA Michael O'Flaherty. *"Ma' kull att ta' diskriminazzjoni u mibegħda, qed titnaqqas il-koeżjoni soċjali u qed jinħolqu inugwaljanzi li qed jagħmlu ħsara lill-ġenerazzjonijiet filwaqt li jżidu l-aljenazzjoni li fl-aħħar mill-aħħar jista' jkollha konsegwenzi devastanti."*

Ir-rapport tat-**Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS II): riżultati ewlenin** jindika l-ħtieġa għal miżuri speċifiċi u aktar b'saħħithom biex tiġi provduta protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni flimkien ma' sanzjonijiet effettivi. Barra minn hekk, peress li 88 % tad-diskriminazzjoni etnika, 90 % tal-fastidju instigat mill-mibegħda u 72 % tal-vjolenza instigata mill-mibegħda ma ġewx irrappurtati, tinħtieġ komunikazzjoni ħafna aktar b'saħħitha biex il-vittmi jiġu inkoraġġiti jirrappurtaw inċidenti, filwaqt li l-korpi tal-infurzar tal-liġi u tal-ugwaljanza jeħtieġu l-għodod it-tajba sabiex jindirizzaw dawn ir-rapporti b'mod effettiv.

Uħud mis-sejbiet ewlenin l-oħra jinkludu:

- 38 % ta' dawk li wieġbu kienu l-vittmi ta' diskriminazzjoni f'dawn l-aħħar ħames snin fejn ġew affettwati b'mod partikolari ċ-ċittadini tal-Afrika ta' Fuq (45 %), ir-Rom (41 %) u l-Afrikani sub-Saħarjani (39 %). Id-diskriminazzjoni nħasset l-aktar meta dawn kienu qed ifittxu x-xogħol (29 %).
- 31 % tal-immigranti tat-tieni ġenerazzjoni li wieġbu esperjenzaw fastidju instigat mill-mibegħda f'din l-aħħar sena. 50 % ta' dawn il-vittmi tat-tieni ġenerazzjoni kienu l-vittmi ta' fastidju tal-inqas sitt darbiet f'dik is-sena;
- Inqas membri ta' gruppi ta' minoranza (61 %) temmew tal-inqas l-edukazzjoni sekondarja għolja meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali (74 %). Dan inaqqas l-opportunitajiet tagħhom għal impjieg.

Ir-riżultati jindikaw ukoll livell ogħla ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi minn dik tal-popolazzjoni ġenerali fejn il-maġġoranza jħossuhom marbuta b'mod qawwi mal-pajjiż fejn jgħixu. Dawn għandhom ukoll, fil-parti l-kbira tagħhom, attitudni miftuħa lejn gruppi etniċi oħra.

Madankollu, jidher b'mod ċar ukoll l-impatt tad-diskriminazzjoni, il-fastidju jew il-vjolenza. Dawk li kienu vittmi jafdaw inqas lill-istituzzjonijiet pubbliċi u jħossuhom inqas marbuta mal-pajjiż fejn jgħixu.

Dan huwa t-tieni stħarriġ dwar il-minoranzi u l-migranti mwettaq mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali. L-istħarriġ staqsa dwar esperjenzi ta' diskriminazzjoni, fastidju, twaqqif mill-pulizija, u sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet, kif ukoll dwar indikaturi ta' integrazzjoni, bħas-sens ta' appartenenza u l-fiduċja f'istituzzjonijiet pubbliċi, u l-attitudni miftuħa lejn gruppi oħra.

**Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok żur il-pakkett għall-istampa jew ikkuntattja:**
media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 642.

**Noti lill-edituri:**

- Dan ir-rapport huwa parti mill-istħarriġ madwar l-UE kollha ta' 25 500 persuna li ġejjin minn sfond ta' immigrazzjoni jew ta' minoranza etnika, inklużi r-Rom u r-Russi, fit-28 Stat Membru kollha tal-UE. Dan jibni fuq l-ewwel stħarriġ ta' dan it-tip tal-FRA, li sar fl-2008.
- Il-FRA hija l-korp indipendenti tal-UE għat-twassil ta' assistenza u għarfien espert dwar id-drittijiet fundamentali lill-UE u lill-Istati Membri tagħha.